Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16889/23
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0463(COD)**

AG 181
JAI 1687
FREMP 377
DISINFO 108
HYBRID 86
MI 1136
DATAPROTECT 378
AUDIO 129
CONSOM 489
TELECOM 396
CODEC 2518

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Diċembru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 637 final |
| Suġġett: | ANNESSI għal Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza ta' gruppi ta' interess imwettqa f'isem pajjiżi terzi u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 637 final Annexes 1 to 3.

Mehmuż: COM(2023) 637 final Annexes 1 to 3

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 12.12.2023
COM(2023) 637 final

ANNEXES 1 to 3

**ANNESSI**

**għal**

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza ta' gruppi ta' interess imwettqa f'isem pajjiżi terzi u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937**

{SEC(2023) 637 final} - {SWD(2023) 660 final} - {SWD(2023) 663 final} - {SWD(2023) 664 final}

MT

MT

**ANNESS I**
**Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 10**

1. Dwar l-entità msemmija fl-Artikolu 3(1):

(a) l-isem;

(i) għal persuni fiżiċi: il-kunjom u l-isem;

(ii) għal persuni ġuridiċi: l-isem kummerċjali, u meta differenti, l-isem ġuridiku tal-entità;

(b) l-indirizz tal-post ta' stabbiliment;

(c) in-numru tat-telefown;

(d) l-indirizz elettroniku;

(e) meta disponibbli, sit web relatat man-negozju tal-entità;

(f) jekk hija stabbilita barra mill-Unjoni, l-informazzjoni segwenti dwar ir-rappreżentant legali maħtur tagħha:

(i) l-isem;

(ii) l-indirizz;

(iii) in-numru tat-telefown;

(iv) l-indirizz elettroniku;

(v) skont ir-rilevanza, in-numru ta' reġistrazzjoni tar-rappreżentant legali f'reġistru kummerċjali jew kodiċi komparabbli ta' identifikazzjoni;

(g) jekk l-entità hija persuna ġuridika, il-kunjom, l-isem u l-indirizz elettroniku tal-persuna ġuridika responsabbli għall-entità u, meta differenti, il-kunjom, l-isem u l-indirizz elettroniku tal-persuna fiżika maħtura bħala kuntatt operazzjonali;

(h) il-kategorija li l-aktar tixbah mill-qrib il-formazzjoni organizzazzjonali tal-entità:

(i) istituzzjonijiet akkademiċi;

(ii) kumpaniji u gruppi;

(iii) ditti legali;

(iv) organizzazzjonijiet nongovernattivi, pjattaformi u networks;

(v) konsulenzi professjonali;

(vi) individwi li jaħdmu għal rashom;

(vii) gruppi ta' riflessjoni u istituzzjonijiet ta' riċerka;

(viii) assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u tan-negozju;

(ix) trejdjunjins u assoċjazzjonijiet professjonali;

(x) organizzazzjonijiet oħra, entitajiet pubbliċi jew imħallta;

(i) jekk l-entità hija rreġistrata f'reġistru ieħor tat-trasparenza nazzjonali, in-numri ta' reġistrazzjoni tagħha;

(j) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-entità f'reġistru kummerċjali jew kodiċi komparabbli ta' identifikazzjoni;

(k) deskrizzjoni tal-għanijiet, mandat u oqsma ta' interess tal-entità;

(l) jekk l-entità taqax fl-ambitu tal-Artikolu 16(3), il-punt (a).

2. Rigward l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi:

(a) is-segwenti informazzjoni dwar kull waħda mill-entitajiet ta' pajjiż terz li f'isimhom l-entità twettaq l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi;

(i) l-isem;

(ii) l-indirizz li fih l-entità ta' pajjiż terz twettaq negozju jew, għal persuni fiżiċi, l-indirizz li fih normalment jirrisjedu;

(iii) deskrizzjoni tal-għanijiet, mandat u qasam ta' interess tal-entità;

(iv) meta disponibbli, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-entità ta' pajjiż terz f'reġistru kummerċjali jew kodiċi komparabbli ta' identifikazzjoni;

(b) il-pajjiż terz li l-entità ta' pajjiż terz qed taġixxi f'ismu;

(c) l-ammonti annwali li jkopru l-kompiti kollha mwettqa bl-għan li jinfluwenzaw l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-istess proposta, politika jew inizjattiva indikata skont il-punt (g), skont il-grilja ta' hawn taħt, għal sena sħiħa ta' operazzjonijiet li jirreferu għas-sena finanzjarja magħluqa fi żmien l-aktar reċenti, mid-data tar-reġistrazzjoni jew mid-data tal-aġġornament annwali tad-dettalji tar-reġistrazzjoni;

| Id-daqs tal-kategorija tal-ammonti annwali, f'euro: |
|---|
| < 10 000 |
| 10 000 sa < 25 000 |
| 25 000 sa < 50 000 |
| 50 000 sa < 100 000 |
| 100 000 sa < 200 000 |
| 200 000 sa < 300 000 |
| 300 000 sa < 400 000 |
| 400 000 sa < 500 000 |
| 500 000 sa < 600 000 |
| 600 000 sa < 700 000 |
| 700 000 sa < 800 000 |
| 800 000 sa < 900 000 |
| 900 000 sa < 1 000 000 |
| 1 000 000 sa < 1 250 000 |
| 1 250 000 sa < 1 500 000 |
| 1 500 000 sa < 1 750 000 |

| |
|---|
| 1 750 000 sa < 2 000 000 |
| 2 000 000 sa < 2 250 000 |
| 2 250 000 sa < 2 500 000 |
| 2 500 000 sa < 2 750 000 |
| 2 750 000 sa < 3 000 000 |
| 3 000 000 sa < 3 500 000 |
| 3 500 000 sa < 4 000 000 |
| 4 000 000 sa < 4 500 000 |
| 4 500 000 sa < 5 000 000 |
| ≥ 5 000 000 |

(d) deskrizzjoni tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi u t-tul ta' żmien stmat tagħha;

(e) l-Istati Membri li fihom titwettaq l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi;

(f) meta applikabbli, l-ismijiet ta':

(i) sottokuntratturi;

(ii) fornituri tas-servizzi tal-media u pjattaformi online fejn isiru r-reklami bħala parti mill-attività ta' rappreżentanza tal-interessi;

(g) proposti leġiżlattivi, politiki jew inizjattivi mmirati mill-attività ta' rappreżentanza tal-interessi;

(h) L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-entitajiet li jirreġistraw fir-reġistru nazzjonali tagħhom jissottomettu informazzjoni dwar l-uffiċjali pubbliċi kkuntattjati.

## ANNESS II
## Format tan-Numru Ewropew ta' Rappreżentanza tal-Interessi

1. In-numru Ewropew ta' Rappreżentanza tal-Interessi (European Interest Representation Number, EIRN) għandu jikkonsisti fl-erba' komponenti li ġejjin, li għandhom jidhru fl-ordni li ġejja:
   (a) l-abbrevjazzjoni "EIRN";
   (b) il-kodiċi tal-pajjiż għall-pajjiż li fih hija rreġistrata l-entità:
      (i) għall-Istati Membri jintużaw il-kodiċijiet fil-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali[1];
      (ii) għall-Istati taż-ŻEE-EFTA jintuża l-ISO 3166 alpha-2;
   (c) l-abbrevjazzjoni għar-reġistru nazzjonali li fih hija rreġistrata l-entità, li:
      (i) irid ikollha mill-inqas karattru wieħed, u mhux aktar minn tliet karattri;
      (ii) jista' jkun fiha ċifri jew ittri;
   (d) numru ordinali, li jrid ikun uniku fis-sens li m'għandux ikun hemm aktar minn reġistrazzjoni waħda fl-istess reġistru bl-istess numru ordinali u t-tul massimu tan-numru ordinali huwa ta' 10 karattri.
2. Il-komponenti kollha għandhom jiġu sseparati b'kolon (":").
3. Ħlief għal dawk imsemmija fil-punt 2, l-EIRN m'għandux ikollu spazju bejn il-karattri jew marki tal-punteġġatura, la fil-komponenti kostitwenti, u lanqas bejniethom.
4. L-ittri fil-komponenti kollha jridu jkunu biss karattri alfanumeriċi tal-alfabett Latin.
5. L-ittri fil-komponenti għandhom jinkitbu b'ittri kapitali.
6. L-EIRN ma jrid jiġi estiż b'ebda komponent ieħor.

[1] http://publications.europa.eu/code/mt/mt-370100.html

**ANNESS III**

**Id-daqs tal-kategorija għall-pubblikazzjoni tal-ammonti annwali pprovduti mill-entità rreġistrata**

| Id-daqs tal-kategorija tal-ammonti annwali ġġenerati għal kull attività ta’ rappreżentant ta’ grupp ta' interess, f’euro: |
|---|
| < 50 000 |
| 50 000 sa < 100 000 |
| 100 000 sa < 250 000 |
| 250 000 sa < 500 000 |
| 500 000 sa < 750 000 |
| 750 000 sa < 1 000 000 |
| 1 000 000 sa < 1 250 000 |
| 1 250 000 sa < 1 500 000 |
| 1 500 000 sa < 2 000 000 |
| 2 000 000 sa < 2 500 000 |
| 2 500 000 sa < 3 000 000 |
| 3 000 000 sa < 3 500 000 |
| 3 500 000 sa < 4 000 000 |
| 4 000 000 sa < 4 500 000 |
| 4 500 000 sa < 5 000 000 |
| ≥ 5 000 000 |